MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2003

Numru 598/2002

**Artikoli 18, 308, 309, 310 u 293 tal-Kap 9 u l-artikolu 17 tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Helga Debono**
**V**

**CARMELO CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CARMELO CAMILLERI** ta' tnejn u hamsin sena bin Emanuel u Michelina nee Felice, imwieled H'Attard nhar d-disgha w ghoxrin ta' Novembru 1950 u bla indirizz fiss, detentur tal-karta tal-identita numru 975750M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'Jannar 2001 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, ghamel qliegh ta' sebgha mitt lira maltin ghad-dannu ta' Carmen u Mark Baker u persuni ohra u dan billi ppresenta ruhu bhala sid ta' fond li jinsab fil-Floriana u talab elf lira maltin bhala rigal jew *key money* sabiex jikrih;

2. talli approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet fdata jew ikkunsinata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li ssir minnha uzu specifikat u dan ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

3. talli kiser r-regolamenti tal-Att tad-Djar, sew billi ghamel xi haga li hu ma kellux jaghmel jew billi m'ghamilx xi haga li kellu jaghmel jew billi ma halliex lil haddiehor jaghmel xi haga li dan l-iehor kellu jaghmel jew li huwa mholli li jaghmel jew billi hassar jew sfratta xi haga li haddiehor ghamel taht d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi ordni jew regolament maghmul bis-sahha tieghu.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat sitta ta' Awissu 2002 esebit fl-atti a fol 17 u mmarkat dokument HD 2 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-tnejn ta' Gunju 2003.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni partikolarment lil Ispettur Helga Debono, lil Mark Baker, lil Carmelo Baker, lil Godwin Camilleri, lil David Seisun, lil Assunta Bonello u lil Reginald Schembri.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fil-verbal tas-seduta tal-wiehed u ghoxrin ta' Jannar 2003 a fol 39

tal-atti odjerni u darba ohra fis-seduta tat-tnejn ta' Gunju 2003 ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tnejn ta' Gunju 2003 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Dwar il-piena rat l-istatement rilaxxjat mill-imputat nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2002 mmarkat bhala dokument HD 1 esibit a fol 14 tal-atti odjerni u minn ezami ta' dan id-dokument jirrizulta li huwa nstab hati darba biss mill-Qorti fuq kontravenzjoni ta' portata zghira li sehhet fis-sena 1996.

Rat li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni u dan sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe minn meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2002.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 308, 309, 310 u 293 tal-Kap 9 u l-artikolu 17 tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Wara li rat l-artikolu 18, 308, 309, 310 u 293 tal-Kap 9 u l-artikolu 17 tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddecidi billi tiddikjara li ssib lil imputat CARMELO CAMILLERI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddecidi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum u dan ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**L-imputat seduta stante ddikjara li fehem l-kontenut u s-sinifikat ta' din is-sentenza.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------